# IT-TIELET PARTI
# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**17 ta' Jannar, 1985**

**Imħallef:**

**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R., Hist. S.**

Rita Portelli *et*

*versus*

Wilfred Desira Buttigieg *noe*

**Serviġi - Ksur tal-Preskrizzjoni Kwinkwennali - Serviġi reżi minn Diversi Persuni - Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku - Artikolu 598 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni inkisret billi l-mejta għarfet il-jedd ta' l-atturi għas-serviġi reżi. Għalkemm is-serviġi ġew reżi minn diversi persuni, dawna, fil-kalkolu tal-kumpens dovut għandhom jiġu kkunsidrati bħala persuna waħda li kienet impjegata matul il-ġurnata u bil-lejl.*

*Fil-kalkolu tal-kumpens il-Qorti ħasset li d-diversi ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku kellhom iservuha ta' gwida.*

*Id-dikjarazzjonijiet tal-mejta skond l-Artiklu 598 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili jikkostitwixxu prova.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, wara li ppremettew li matul l-aħħar għaxar snin qabel ma mietet Maria Serafina Xuereb huma rrendewlha serviġi u sborsaw flus fl-interess tagħha u li l-istess Serafina Xuereb kemm il darba ppromettitilhom li kienet sejra tikkompensahom għal dawn is-serviġi lilha reżi però baqgħet ma ħallsithom xejn, talbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenut *nomine* biex iħallas lill-atturi *in linea* ta' serviġi dik is-somma li tiġi llikwidata jekk hemm bżonn b'opra ta' periti *nominandi*, - bl-ispejjes inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tat-28 ta' Ġunju, 1978 u 28 ta' Frar, 1979;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa li preliminarjament tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali u għalhekk id-domanda għanda tapplika biss għall-perjodu ta' ħames snin u li fil-meritu u bla preġudizzju għall-premess, jekk qatt ġew reżi xi serviġi, dawna kienu ta' entità żgħira u ġew adegwatament ikkonpensati u għalhekk it-talbiet attriċi huma infondati;

*Omissis;*

Ikkundsidrat:

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jippretendu li huma rrendew serviġi lil Maria Serafina Xuereb (illum mejta) għall-perjodu mit-28 ta' Mejju, 1968 sat-2 ta' Frar, 1978, data tal-mewt tagħha, kif ukoll li sbursaw flus fl-interess tagħha u qegħdin jitolbu li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut bħala esekutur testamentarju li jħallashom is-somma dovuta lilhom *in linea* ta' serviġi. Min-

naħa tiegħu l-konvenut *nomine* qiegħed jeċċepixxi preliminarjament l-preskrizzjoni kwinkwennali u fil-meritu qed jgħid li jekk qatt ġew reżi xi serviġi, dawn kienu ta' entità żgħira u ġew adegwatament ikkonpensati;

Il-perit legali fir-relazzjonijiet tiegħu wasal għall-konklużjoni illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali ma kinitx fondata billi kienet ġiet interrotta mill-imsemmija Maria Serafina Xuereb u li kienet għadha dovuta (wara li jitnaqqas dak li hi kienet ħallset) lill-atturi flimkien bejniethom (minbarra l-atturi George Portelli u Roger Busuttil li ma rrendew ebda serviġi u qegħdin fil-kawża ma' marthom għall- interess li għandhom bħala kapi tal-kommunjoni ta' l-akkwisti) għas-serviġi reżi u għall-iżborżament magħmula s-somma ta' ħisat elef, disa' mija u ħames liri Maltin (Lm9905) u dana in bażi għar-rata medja ta' tliet liri Maltin (Lm3) kuljum għall-perjodu kollu fuq imsemmi;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq imsemmija, l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, ftit issib li tista' żżid ma' dak li qal il-perit legali u tirritjeni, kif issottometta l-istess perit legali, illi l-preskrizzjoni nkisret billi Maria Serafina Xuereb kienet għarfet il-jedd ta' l-atturi għas-serviġi reżi. Dan jirriżulta mid-depożizzjonijiet ta' l-atturi ċċitati *in extenso* mill-perit legali fil-paragrafu 31 tal-ewwel relazzjoni tiegħu li minnhom jirriżulta li hija kienet twiegħed, sa żmien ftit qabel il-mewt tagħha, li tikkompensa lill-atturi fit-testment tagħha. Jista' jiżdied ma' dak li ġie ċċitat mill-perit legali - u dana a rigward l-attriċi Maria Vittoria Busuttil, dak li qalet l-istess Bussuttil dwar Xuereb: 'fil-fatt baqgħet twegħidni li ser tikkompensani anke wara li

żżewwiġt iżda dan ma ġarax għaliex ma ħallietli xejn fit-testment.... fol. 11 tergo);

L-argumenti li ġieb il-konvenut *nomine* fin-nota ta'l-osservazzjonijiet tiegħu, fil-fehma tal-Qorti, mhumiex biżżejjed biex iwaqqgħu f'dan ir-rigward id-depożizzjonijiet fuq imsemmija ta' l-atturi. Il-fatt li x-xhieda Alex Attard Montalto u Joseph Bugeja, li kienu perjodikament jivviżitaw lil Xuereb, ma jgħidux li l-mejta kienet qaltilhom li riedet tagħmel testment biex tikkompensa lill-atturi mhux biżżejjed biex twaqqa' d-depożizzjoni positiva fuq imsemmija ta' l-atturi u dana apparti l-fatt li lill-Qorti ma rreżultalhiex li dawn ix-xhieda ġew mistoqsija jekk Xuereb kinitx qaltilhom jew le dak id-diskors. Hekk ukoll il-fatt li Xuereb qatt ma għamlet il-testment u li għalhekk - il-konvenut *nomine* jargumenta - hija qatt ma kellha l-intenzjoni li tagħmlu, mhux biżżejjed biex jeskludi din l-intenzjoni u ċertament mhux biżżejjed biex jeskludi d-diskors li l-atturi jgħidu li Xuereb kienet tgħidilhom;

Ikkunsidrat:

Kwantu għas-somma fuq imsemmija li, fil-meritu, l-perit legali ssottometta li hija dovuta lill-atturi **flimkien bejniethom** - (u dan il-metodu ta' likwidazzjoni ma jidhirx li ġie b'xi mod ikkontestat mill-konvenut *nomine*) għandu jingħad mill-ewwel li l-Qorti hi tal-fehma li l-istess somma hija esaġerata. Il-provi juru li fil-waqt li l-attriċi Josephine Portelli kienet, matul il-perjodu kollu fuq imsemmi, issajjar l-ikel darba kuljum għal Xuereb u tagħtiha l-kaffè darbtejn kuljum u toqgħod magħha kulljum mill-4p.m. sas-7p.m. kif ukoll tagħmillha xi qadi barra billi tħallsilha xi kontijiet u taħslilha xi gvieret u lorzor darba fix-xahar, uliedha kienu jmorru jorqdu ma' l-istess Xuereb - l-ewwel

l-attriċi Maria Vittoria Busuttil għall-perjodu mit-28 ta' Mejju, 1968 sat-28 ta' Mejju,1973 u mbagħad l-atturi Rita u Evelyn aħwa Portelli flimkien għal wara dan il-perjodu. L-attriċi Maria Vittoria Busuttil kienet tagħmlilha xi qadi matul il-ġurnata u kienet taħslilha l-art darba fil-ġimgħa u l-atturi Rita u Evelyn Portelli kienu jagħmlu xi xiri u xi xogħol fid-dar ta' Xuereb;

Il-provi juru wkoll li Maria Serafina Xuereb kienet tagħmel it-tindif tad-dar hi stess ħlief għall-kamra fejn kienet torqod bint l-attriċi Josephine Portelli (ara xhieda ta' l-istess Josephine Portelli - fol. 9 tergo li però ma tispeċifikax liema mit-tfal) u li kienet ġerneralment taħsel ħwejjiġha hi stess (fol. 13, xhieda Evelyn Portelli). Il-provi juru wkoll li Xuereb ftit u xejn kienet marida - skond l-attriċi Josephine Portelli kienet mardet darba għal xahar u kienet mardet ħames darbiet għal xi erbat ijiem kull darba fl-aħħar ħames snin ta' ħajjitha. Il-Qorti jirriżultalha wkoll mid-depożizzjoni tax-xhud Alex Attard Montalto li kienet iddaħħal minn immobbili r-renta ta' mija wieħed u għoxrin lira Maltija (Lm121) fis-sena u kellha xi flus il-Bank (fol. 12 u 12 tergo) u mid-depożizzjoni ta' Joseph Bugeja li kien ikollha xi *cheques* li hu kien isarrfilha iżda l-ammonti ma ġewx indikati mix-xhieda;

Il-Qorti hi tal-fehma li għalkemm is-serviġi ġew reżi minn diversi persuni, dawna, fil-kalkolu tal-kumpens dovut, għandhom jiġu kkunsidrati bħala persuna waħda li kienet impjegata matul il-ġurnata u anke bil-lejl biex tieħu ħsieb dak li kellha bżonn Maria Serafina Xuereb. Infatti, apparti ċ-ċirkostanza li l-kumpens għas-serviġi qed jiġi ffissat għall-atturi flimkien bejniethom kif fuq ingħad, is-serviġi li ġew reżi lil Xuereb setgħu ġew reżi minn persuna impjegata bħala serva '*full time*' u anke bil-lejl u taħdem '*overtime*' fil-Ħdud u Festi. L-atturi qasmu

x-xogħol bejniethom iżda dak ix-xogħol seta' jsir minn persuna waħda impjegata bil-mod li għadu kemm intqal;

Il-Qorti għallhekk tħoss li għandhom iservuha ta' gwida - u dana sa ċertu punt biss billi hemm fattizzi speċjali f'dan il-każ - id-diversi Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku li nħarġu matul il-perjodu in kwistjoni. Fil-fatt kien hemm ħames Ordnijiet magħmula matul il-perjodu fuq imsemmi, cjoè l-Avviz Legali 2 ta' l-1967, l-Avviz Legali 48 ta' l-1971, l-Avviz Legali 7 ta' l-1976, l-Avviz Legali 76 ta' l-1977 u l-Avviz Legali 108 ta' l-1977;

*Omissis;*

Il-Qorti, wara li rriflettiet fil-tul u wara li kkunsidrat l-imsemmija Ordnijiet u wara li kkunsidrat wkoll li ma jirriżultax li ttieħdu ġranet ta' mistrieħ u vakanzi mill-atturi, in-natura u l-entità tas-serviġi reżi minnnhom, l-età żgħira ta' l-atturi Maria Vittoria Busuttil u Rita u Evelyn aħwa Portelli (li kienu dawn ta' l-aħħar għadhom minuri meta bdew is-serviġi), il-mezzi ta' Maria Serafina Xuereb kif irriżultawlha, iċ-ċirkostanza li x-xogħol li għamlu l-atturi ġie deskritt mill-istess Xuereb bħala dak ta' '*dame di compagnia*' u ċ-ċirkostanza ta' kif żdiedu l-pagi fil-perjodu in kwistjoni u wara li ħadet in konsiderazzjoni wkoll li Xuereb kienet tagħmel it-tindif tad-dar u taħsel ħwejjiġha u ftit u xejn mardet kif ingħad fuq, hi tal-fehma li jkun ġust li l--kumpens għas-serviġi għall-ewwel perjodu ikun ta' tletin lira Maltija (Lm30) fix-xahar, għat-tieni perjodu ta' sittin lira Maltija (Lm60) fix-xahar, għat-tielet perjodu ta' mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar u għar-raba' perjodu ta' mija u għoxrin lira Maltija (Lm120) fix-xahar. Għalhekk l-ammont dovut għas-serviġi jammonta approssimattivament għal elf mija seba' u

erbgħin lira Maltija (Lm1147) għall-ewwel perjodu, għall tlitt elef mitejn ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm3225) għat-tieni perjodu, elf sitt mija ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm1675) għat-tielet perjodu u tmien mija u sebgħin lira Maltija (Lm870) għar-raba' perjodu - b'kollox sitt elef dișa' mija u sbatax-il lira Maltija (Lm6917). Ma' din is-somma l-Qorti qiegħda żżid *arbitiro boni viri* is-somma ta' erbgħin lira Maltija (Lm40) għal xogħol addizzjonali ta' l-atturi fl-okkażjoni ta' l-aħħar marda ta' Xuereb u għal serviġi reżi wara l-mewt in konnessjoni mal-funeral tagħha u għalhekk is-somma totali tilħaq għall sitt elef disa' mija seba u ħamsin lira Maltija (Lm6957). Minn din is-somma għandha titnaqqas is-somma ta' elf seba' mija u erbgħin lira Maltija (Lm1740) li tħallset, skond l-istess atturi mill-imsemmija Xuereb bir-rata ta' ħmistax-il lira Maltija (Lm15) fix-xahar tul l-imsemmi perjodu talli lil dawk li kienu jorqdu magħha u għalhekk jibqa' bilanċ dovut ta' ħamest elef mitejn u sbatax-il lira Maltija (Lm5217);

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-flus li l-atturi jallegaw li sborsaw fl-interess ta' l-imsemmija Xuereb, il-Qorti tosserva li għalkemm fil-premessi taċ-ċitazzjoni l-atturi semmew din il-pretensjoni, fil-fatt fit-talba ma semmewhiex għaliex huma talbu biss li l-konvenut *nomine* jiġi kkundannat iħallas lill-atturi somma *in linea* ta' serviġi u għalhekk proprjament fil-kaz preżenti l-atturi mhumiex intitolati jippretendu li l-konvenut *nomine* jiġi kkundannat iħallashom għall-isborżi tagħhom. Fil-fatt però anke kieku kienu hekk intitolati li javanzaw din il-pretensjoni, il-Qorti l-istess kienet tikkunsidraha bħala infondata. Skond l-attriċi Josephine Portelli hija kienet tonfoq għall-ikel ta' Xuereb is-somma ta' bejn wieħed u ieħor nofs lira kuljum. Iżda din l-allegazzjoni tax-xhud

tinsab kontradetta minn dak li x-xhieda Alex Attard Montalto u Joseph Bugeja jgħidu li qaltilhom Xuereb. Attard Montalto jgħid li Xuereb kienet tgħidlu li kienet tħallas kemm ta' l-ikel ta' kuljum kif ukoll lit-tfal talli jorqdu magħha u lil Bugeja, skond hu, qaltlu li kienet qiegħda tħallas lil ta' Portelli u meta aktar tard bdew jiħdulha l-ikel qaltlu li kienet sa żżidhom ta' dan. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni tiddubita illi l-imsemmija dikjarazzjonijiet minn Xuereb verament saru minnha kif qegħdin jgħidu l-istess xhieda u lanqas għanda raġuni tiskarta l-imsemmija dikjarazzjonijiet ta' Xuereb li, skond l-Artiklu 598 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jikkostitwixxu prova u li, inkwantu jirrigwarda l-ħlas lit-tfal jinsabu kkonfermati mill-istess atturi. Jista' jiżdied ukoll li l-Qrati tagħna dejjem ħarsu b'ċertu ċirkospezzjoni lejn pretensjonijiet avanzati kontra l-eredità ta' mejjet meta l-mejjet ma jkunx f'pożizzjoni li jixhed u jagħti l-versjoni tiegħu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi (1) tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali fuq imsemmija ssollevata mill-konvenut *nomine* bl-ispejjes kontra tiegħu u (2) tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-atturi s-somma ta' ħamest elef mitejn u sbatax-il lira Maltija (Lm5217) *in linea* ta' serviġi reżi minnhom lill-imsemmija Maria Serafina Xuereb u llikwidata mill-Qorti kif fuq ingħad. L-ispejjeż tal-kawża (apparti dawk fuq ġa' deċiżi) għandhom jitħallsu mill-konvenut *nomine*.